**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 288/2017*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**-vs-**

**Joseph Calleja, detentur tal-karta tal-identita` numru 655056M**

**Illum:** 28 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Calleja u cioe` talli:

Fil-5 ta' Lulju, 2017, u fix-xhur u snin ta'qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, hjew ta hila jew setgha fuq haddiehor jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel ghalih b'qerq ta aktar min ħamest elef Ewro (€5,000) ghad-dannu tal-kumpanija Bank of Valletta Limited.
2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra is-somma ta' aktar min hamest

elef ewro (€5,000) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haġa jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad dannu tal-agenzija Identity Malta u ghall-Gvern ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bħala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghal beneficcju ta' xi persuni jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew jisraqhom.

4. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bħala ufficjal jew impjegat pubbliku illi kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi min dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi jiddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux.

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu min xi dokument iehor falsifikat.

   Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta htija tikkundanna lil akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

[1] Fol.1377

- Fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 127(1) tal--Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 180 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 189 u 190 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Att Kontra l-*Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

L-Ispettur **Priscilla Caruana Lee** spjegat kif giet infurmata minn Vincent Sladden, Senior Manager tal-Passport Office, li wara li saru *spot checks* gewwa l-ID Malta Passport Office Section, irrizultalhom li kien hemm ghadd ta' dispkrepanzi w trasferimenti llegali fejn flus gew nieqsa mill- istesss ufficju. Gie indikat Joseph Calleja, li kien responsabbli tas-Section tal-Passport Office, li gie mistoqsi ghaliex ma kienx qed jaghmel id-depoziti tal-flus fil-gurnata li suppost dawn kellhom jigu depozitati fiha.[2] Intqal lilha li Calleja beda jgibilhom bosta skuzi w hekk kif marru ghal fuq l-iskrivanija tieghu, gewwa l-baskett personali tieghu, sabu deposit bag tal-BOV b' xi flus u cekkijiet fiha. Barra min hekk, fil-but tal-jeans li kien libes, hareg ammont sostanzjali ta' flus. Ufficjali ta' ID Malta

[2] Fol.24

spjegawlha li dawn il-boroz suppost jigu depozitati l-ghada li jkun sar id-dhul tal-flejjes, meta ssir ir-*reconciliation*, permezz tas-security li jigi hemmhekk bil-*cash van* u jigu depozitati ghandu. F'dak il-mument timtela formola li tigi ffirmata kemm mill-persuna li tkun mal-*cash van* kif ukoll mill-persuna li jkun qed jghaddi l-boroz. L-ispettur kompliet li ttiehdet stqarrija tal-imputat. Mill-investigazzjoni rrizulta illi l-**flus li nstabu gewwa l-but tal-imputat kienu fl-ammont ta' €800** f'karti tal-€20 kif ukoll **€700** f'karti ta' €50.[3] **Mill-baskett personali tal-imputat inharget *safe deposit bag* bin-numru 2618721, li fiha kien hemm 3 cekks fl-ammont totali ta' €256 kif ukoll cash fl-ammont ta' €895**.[4] Fl-ufficju tieghu **instabet *safe deposit bag* bin-numru 2618716** li ma kienetx ghadha ssigilata fejn fiha kien hemm 7 cekkijiet bl-ammont totali ta' €456 u ammont totali ta' cash ta' €5,254.[5] B'hekk instabu <u>2 deposit bags fil-pussess tieghu fuq il-post tax-xoghol</u>.

L-ispettur tixhed li wara tfittxijiet li saru **fir-residenza tal-imputat minn go basket instabu <u>7 *safe deposit bags* ohra</u> li fihom kellhom cekkijiet u flus**, kif gej:

Deposit bag no. 2618723 kien fiha cash fl-ammont ta' €85 u 11 il-cekk fl-ammont ta' €1,078;
Deposit bag no. 2612977 kien fiha €139 cash u 11 il-cekk fl-ammont ta' €936;
Deposit bag no. 2612979 kien fiha €93 cash u numru ta' cekkijiet fl-ammont ta' €432;
Deposit bag no. 2612981 kien fiha €486 cash u 6 cheques fl-ammont ta' €328.
Deposit bag no. 2618722 ammont ta' cash u 3 cheques fl-ammont ta' €112.
Deposit bag no. 2618719 kien fiha €372 cash u 6 cheques fl-ammont ta' €440.
Deposit bag no. 2612984, kien fiha €617 cash u 12 il-cheque fl-ammont ta' €792.

---

[3] **Dok.PCCopy 2** a fol.44 et seq.
[4] **Dok.PCCopy 1** a fol.34 et seq.
[5] Fol.25. Vide **Dok. PCCopy 3** a fol. 53 et seq

Instab ukoll envelope li kien fih zewg noti tal-€100, nota tal-€500 fl-ammont totali ta' €700.[6]

**Dan ifisser li mir-residenza tal-imputat instabu seba' (7) deposit bags b'ammont totali ta' €6,610.**

Id-dokumentazzjoni relattiva ghal kull wahda minn dan il-boroz giet esebita wkoll bhala **Dok.PCL3.**[7]

F'kull deposit bag kien hemm *reconciliation sheet*, fejn ikun hemm indikat kemm suppost hemm flus fl-imsemmija borza, per ezempju f' deposit bag no. 2618723 suppost kien hemm l-ammont ta' €5,725, izda fiha nstabu biss €85, flimkien mac-cekkijiet.[8] Gew esebiti kopji ta' dawn ir-*reconciliation sheets* flimkien mac-cheques li kienu fid-deposit bags rispettivi.[9] Spjegat li **ID Malta kellhom nieqsin €44,456 kif jixhed ir-rendikont tal-boroz nieqsa li nstabu ghand l-imputat**. Ghalkemm suppost *reconciliation* issir fil-presenza ta' xulxin meta jigu ssigillati l-boroz, Calleja kien fdat jaghmel dan wahdu.[10]

Gie esebit **Dok.PCL2** li jikkontjeni dokumentazzjoni tar-*reconciliation* li jinghaddew mill-membru tas-security. Fuq kull dokument hemm annesssa s-*safe deposit slip* li tinqata' minn mal-borza, fejn l-istess numru li jidher fuqha jitnizzel fuq id-dokument li jinhareg minn ID Malta. Hemmhekk jitnizzlu l-boroz iz-zghar li jitpoggew fil-borza l-kbira.[11] Kopji tal-ircevuti relattiva ghat-

[6] Fol.26-27
[7] Fol.323
[8] Fol.27
[9] **Dok. PCZCopy** a fol.77 et seq.
[10] Fol.31
[11] Fol.29. Vide **Volume II** a fol. 103-322

transazzjonijiet varji li baqghu ma gewx depozitati, kif inghad aktar il-fuq, giet esebita wkoll.[12]

Fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu[13] l-imputat stqarr li madwar hmistax il-xahar qabel kien fuq *vacation leave* u meta rritorna ghax-xoghol sab numru ta' flejjes u cheques li kellu jaghmel *reconciliation* taghhom. Pogga' l-flus li kienu jlahhqu mat-€30,000 go *envelopes* differenti, wiehed ghal kull jum, u poggihom kollha f'envelope kbir liema *envelope* sussegwenetement ma nstabx. **Zamm is-*security bags* li suppost fihom intefghu dawn il-flejjes ghandu bil-hsieb li aktar il-quddiem ikun jista' jissostitwixxi l-flus li naqsu bil-flus li kien qed jircevi minn jum ghall-iehor. Dan sar peress li s-*security bags* ikunu nnumerati b'*consequential numbers*.** Beda jiddepozita flus minn tieghu kif ukoll dawk li jidhlu mal-kors tal-gurnata f'dawk il-boroz. Il-flus li nstabu fuqu u fil-*lunch* box tieghu kien ser jitfghahom fiz-zewg boroz u jghid li dawn fil-fatt qabblu mat-total tal-boroz. **Ha mieghu flejjes u cheques id-dar biex ma jigix skopert f'dak li kien qed jaghmel**., *"Kieku ghamilt hekk kieku kienu jindunaw li l-affaraijiet ma kienux qehjdin sew."*.[14]

Jikkonferma li **kien ghad fadal pendenti 7 boroz**. Muri ricevuti ta' flejjes li ngabbru mis-*security van* jghid ***"dawk il-boroz illi suppost kellhom jigu depozitati f'dak il-jum partikolari. Jien kont nimmarkahom u nnizilhom xorta f'din l-ircevuta wara illi dawn il-boroz ta' flus ikunu gew migbura mis-security. Ghalhekk f'dan il-file inti ghandek issib illi certu boroz huma fil-fatt imnizzlin darbtejn. Darba li turi il-veru deposit ta' dik il-borza u darba ohra li turi deposit finta.*** *B'hekk jien on paper kien ikolli ix-xoghol qed jidher illi meixi*

[12] Fol.30. Vide **Dok. PCL3** a fol.323
[13] **Dok. MV4** a fol. 11-16
[14] Fol.13

*b'mod normali."*[15]. **Ikkonferma li ha mieghu passaporti ta' terz li safa' b' *chip failed* u li suppost kellhom jigu ritornati lil De La Rue**.[16] L-imputat jammetti li meta nkixxef, kien qal lill-ufficjali tieghu li kien lest irodd lura €20,000 minn flusu biex il-kaz jieqaf hemm. **Jammetti li kien qed jiddepozita boroz tardivament**. Ikkonferma li fir-residenza tieghu instabu ghadd ta' *safe deposit bags.*[17]

Ghalhekk mill-istqarrija tieghu **tirrizulta konfessjoni cjara li kien qed iwettaq falsifikazzjoni. Jammetti wkoll li kien qed jiehu mieghu d-dar flejjes li jappartjenu lil Identity Malta. Dan ifisser li l-imputat ammetta anke ghal-approprijazzjoni indebita, meta jigi kkunisdrat li mis-*safety deposit bags* kienu ttiehdu flejjes!**

L-Ispettur **Matthew Vella** xehed kif kien assista l-Ispettur investigattiv fit-tehid tal-istqarrija tal-imputat.[18] *"Niftakar li dan kollu nqala rigward xi flus li hu kellu go xi envelopes differenti fejn hu kien stqarr maghna din l-istqarrija li hija esebita li dawn il-flus kien jew ramihom jew taghhom lil xi hadd bi zball, u li dak l-envelope kien jikkontjeni fih madwar tletin elf Euro. Hu spjegalna wkoll li minhabba li kellu din id-diskrepanza fil-flus hu kien qieghed jiddepozita flus kemm minn tieghu personali kif ukoll minn boroz ohrajn li hu kien qed jircievi minn gurnata ghall-ohra, li fissrilna hu kien li mill-flus ta' llum kien qed jirriplejcja flus li kellhom jigu depozitati lbierah. Hu spjegalna wkoll meta saret referenza ghal file li kien fih xi rcevuti li ghandi nifhem li huma anki esebiti illi hu kien qed inizzel in-numri tal-evidence bags, li hu suppost kien qed jibghat lil Bank darbtejn. Dan biex juri li darba veru saret id-deposit kif ukoll li*

---

[15] Fol.14
[16] Fol.14-15
[17] Fol.16
[18] Fol.413

*darb'ohra li saret deposit finta, biex b'hekk on paper kien ukoll jidher li x-xoghol kien qed jimxi b'mod normali"*[19].

**PS 1531 Ivan Caruana** spjega li waqt tfittixija fir-residenza tal-imputat, minn go *cupboard,* giet elevata dik li tidher hi *briefcase* kannella[20] li fiha kien hemm numru ta' boroz tal-Bank tal-BOV li fihom kien hemm flus u cekkijiet.[21]Go kexxun instabu ghadd ta' passaporti.[22] **PS 549 Reuben Pace** ipprezenta il-**Current Incident Report.**[23]

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus esebixxa l-*employment history* tal-imputat minn fejn jirrizulta li sa mill-1992 kien impjegat fl-Ufficcju tal-Prim Ministru.[24]

**Martin Bowermen** beda biex jispjega li kien risponsabbli mill-finanzi u l-amministrazzjoni ta' Identity Malta.[25] Kien talab *spot check* fuq il-Passport Office. Irrizulta li kien hemm xi boroz tal-flus li suppost gew depozitati izda ma kienux. Fit-12 t'April, intbghatet *email* lill-imputat biex jispjega ruhu fejn dan wiegeb li kien hemm xi cekkijiet li mhumiex tajbin u qed jistenna lill-klijenti jirrangawhom sabiex wara jkun jista' jiddepozitahom. Fl-istess waqt inkariga lil Leonie Zerafa timmoniterja s-sitwazzjoni u minn hemm indunaw b'dak li kien qed issehh "*Meta nghalaq Marzu, l-boroz kienu dahlu. Meta gejna mbghad ghal Mejju, bdejna naraw li boroz f' April bdew jonqsu. Meta nghalaq April, il-boroz jergghu jidhlu. U bqajna mexjin b' din is-sistema.*"[26] <u>Fl-ahhar tax-xahar il-flus li kellhom</u>

---

[19] Fol.414
[20] Ritratt nru.14 f'**Dok.PCLZ** a fol.416
[21] Ritratti numri 1-13, 13 u16 f'**DokPCLZ** a fol. 416
[22] Fol.417-419
[23] **Dok.RP** a fol.409 et seq
[24] **Dok.JS** a fol.1146
[25] Fol. 324
[26] Fol.325

jigu depozitati, gew fil-fatt depozitati izda tardivament ***"biss ghad baqali bilanc ta' dak ix-xahar kurrenti li ghandi boroz li ghadhom ma' dahlux".*** Jixhed li meta bdew jaraw dan il-*pattern* baghtu *email* ohra lill-imputat fit-30 ta' Gunju. Meta sal-5 ta' Lulju baqghu bla twegiba flimkien ma Vince Sladden kellmu lill-imputat li **qalilhom li kien rema 3 boroz bil-flus fiz-zibel** u kien qed jipprova jibbilancja l-flus nieqsa w ghalhekk kien hemm boroz nieqsin.[27] Hekk kif kienu qed jakkumpanjawh lejn il-kamra tal-banju l-imputat qalilhom *"Ha ntikom 20,000 minnhom u ddahlux lill-Pulizija."*[28]

Jispjega il-kontenut ta' **Dok.PCL2** *"li hawn hawnhekk huwa l-karta ta' meta Joseph Calleja jiprepara l-boroz biex jigi s-security van u jigborhom. Fejn jiffrimaw kemm is-Security Officer li jigborhom u kemm is-Sur Joseph Calleja. L-ircevuta wkoll tas-Security Officer. …. ikun hemm diversi boroz. Ghax mid-Dipartimenti kollha, peress li l-uniku vault li ghandna sigur huwa gol-Passport Office, d-Dipartimenti li jaqghu tahtna, li jahdmu gol-Evans Building, itellghu l-flus kollha ssigillati go dan il-vault. U mbghad Joseph Calleja, jigborhom, darba kull jum u jghaddihom ghas security van. …fil-fatt dak kien wiehed mid-dokumenti li nnutajna li kien hemm diversi arrangementi fl-istess dokumenti bit-tippex. U dawn isiru wara li jkun iffirma s-security van. Is-sistema kienet, peress li l-boroz ma' kienx idahhalhom, fil-fatt hemm boroz li damu 30 gurnata biex jidhlu, meta dawn suppost jidhlu l-ghada, maximum, ….. Mela dik il-borza li suppost dahlet illum u ma' dahlitx, tkun qieghdha ghandu. Meta jfettilu, meta jhoss li ghandu jdahhalha, idahhalha hawnhekk, voldieri f' dik il-gurnata li suppost dahlet u li qieghdha mmarkata bit-tippex, u mbghad terga' tidhol meta attwalment, qieghdha doppja mdahhla, meta attwalment is-security van jigi biex jghabbi. Ghax ovvjament is-security van ha jiccekjahielu l-lista. Mela* ***ghandna boroz fejn hawnhekk qed jidhru darbtejn. Meta suppost li tkun borza wahda****. …… Jiena nzilt ma' Joseph Calleja flimkien ma' Vince Sladden u Leonie Zerafa u anke Edwin*

[27] Fol.326
[28] Fol.327

*Ebejer fl-ufficju tal-passporti fil-prezenza ta' Joseph Calleja. U l-ewwel haga li ghidltu:* ***"Hudni fuq id-desk u ghidli x' ghandek flus." Harigli borza minn gol-lunch box tieghu,*** *….. Imbghad meta morna l-passport office, staqsejtu x' kien ghad baqalu boroz, fil-prezenza tieghu u harigli borza minn gol-lunch box tieghu,* ***borza ohra harigha minn god-desk u kellu flus ukoll fil-but. Fejn qalli: "Dawn jaghmlu parti minn dik il-borza."*** *Dhalna go ufficju, ghoddejna kollox fil-prezenza tieghu, ssiggillajna kollox fil-prezenza tieghu u ghaddejna kollox lill-Pulizija. U dawn qeghdin esebiti hawnhekk. Dawk ittiehdu photocopies kollha".* [29]

Din id-dokumentazzjoni hi dik esebita bhala **Dok.PCL3** li tirreferi ghall-boroz li nstabu fil-pussess tal-imputat.[30] Bowerman jixhed li ghalkemm kien hemm qbil bejn *sales* u l-ammont ta' passaporti li kienu jinhargu, <u>kien ikun hemm diskrepanza bejn is-*sales* u dak li suppost ikun mar il-bank.</u> **F'Gunju ID Malta kienet minn taht bi €44,456**.[31]

Riprodott spjega dak li jsehh meta jaghlaq il-passport office: *"Bhala regola jintefghu go borza, tissigillaha ruha, tissigillaha tal-BOV…………la darba tinghalaq ma tistax terga tinfetah, ghax tkun tidher li giet tampered imma f'dan il-kaz li kien qed jigri ma kinetx qed tinghalaq din il-borza. Il-borza ma kinetx tinghalaq, allura mbaghad wara jigri li jigri. L-ghada filghodu, jigi l-vann tas-sigurta' u suppost jigbor din il-borza…… Meta huma jkunu gabru l-flus minghand il-kaxxiera, li jirrikonciljaw maghhom, dawk ikunu gew issigillati, jergghu jingfethu l-ghada filghodu minn gol-vault fil-presenza ta' Joseph Calleja u l-persuna li tkun ghalqithom il-gurnata ta' qabel….. huma meta jigu rrikonciljati, kienu qed jigu rrikonciljati sewwa, il-flus ikunu qeghdin jaqblu fuq il-karta. Kienu jkunu jaqblu fuq il-karta."*. Meta mbghad bdew jirrikonciljaw mal-bank, <u>kwotidjanament bdew isibu li certu boroz ma kienux</u>

---

[29] Fol.327-329
[30] Fol. 323
[31] Fol.331. Vide dokument li juri l-komputazzjoni **Dok.MB2** a fol. 360

qed jidhlu mal-bank. Kien ghalhekk li talab lill-kollega tieghu tissorvelja s-sitwazzjoni u ntbghatet *email* lil Calleja fejn gie infurmat b'dan. Indunaw b'dan f'April tas-sena ta' qabel u f'Gunju baghtulu l-*email* imsemmija izda dan wiegeb li kien ghad iridu jidhlu cekkijiet wara li jigu korreguti mill-klijenti. [32]

Kopji tal-*emails* imsemmija minn Bowerman gew esebiti mill-awtrici taghhom, Leonie Zerafa, datati it-12 t'April, 2017 u t-30 ta' Gunju, 2017.[33]

Gie esebit Memo datat is-16 ta' Jannar, 2017, Nru. 3/2017, intestat "Daily Cash Reconciliation" li gie cirkolat lill-numru ta' persuni inkluz lill-imputat b'*email* fl-istess jum.[34] Jirrizulta li l-imputat kien affidat bl-access ghal *vault*.[35] Fil-Memo citat insibu ccitat l-obbligi li jemanaw mill-***Financial Administration and Audit Act***, Kapitolu 174 tal-Ligijiet ta' Malta li minghajr ecezzjoni jipprovdi:

> " **20.** *Every accounting officer collecting or receiving public moneys shall pay into the bank to the credit of the proper account, the gross amount of his collections on such days and in such manner and form as the Accountant General may direct.*[36]

Imbghad iktar il-quddiem hemm provdut *"Cash and cheques collected are sealed in tamper proof plastic security bags are returned back in the vault until collection by the authorised security officer"*.[37]

---

[32] Fol.1136
[33] **Dok.LZ u LZ1** a fol.386 u 387
[34] **Dok.MB** a fol.335 et seq.
[35] Fol.338
[36] Vide **DoK. MB** a fol.337: *20. Kull uffiċjal ta' kontijiet li jiġbor jew jirċievi flejjes pubbliċi għandu jqiegħed fil-bank għaf-favur tal-kont xieraq, l-ammont gross tal-ġbir tiegħu f'dawk il-ġranet u b'dak il-mod u forma kif l-Accountant General jista' jordna:….*
[37] Fol.337

**Ignatius Ciantar,** li kien jokkupa l-kariga ta' Unit Co-Ordinator fid-Dipartiment tal-Passaporti, ikkonferma li kien hu li kiteb u ccirkola dawn iz-zewġ memos[38] li jissemmew minn Martin Bowerman. Dawn saru f'Jannar, 2017, biex jistabilixxu il-procedura dwar kif ghandu jkun hemm access ghal *vault* u kif jigu iccekjati l-flus.[39]

**Leoni Zerafa,** Senior Manager fis-sezzjoni tal-accounts, spjegat kif parti minn xogholha kien li ticekkja s-*sales* tad-dipartimenti li jkunu ghamlu matul il-gurnata, u tassigura li dawn il-flus jaqblu fl-ahhar tal-gurnata. Kienet tara wkoll li l-flus ikunu gew depozitati l-bank. <u>L-ghada li jkunu ngabru l-flus, kumpanija tas-security tigbor il-boroz. Tali boroz jingabru kuljum</u> u ghalhekk kull dipartiment kien responsabbli jaghlaq il-boroz tal-gurnata, johduhom id-dipartiment tal-passaporti minn fejn ix-xufier tal-kumpanija tas-sigurta` jigbor il-boroz kollha. L-imputat kien responsabbli jara li jingabru l-flus kollha tal-passaporti, dawn il-flus jinghaddu, jidhlu fir-*reconciliation bag* u jidhlu l-bank.[40]

Zerafa tghaddi biex tispjega kif wasslu biex sabu diversi diskpranzi: "*Mela jiena niehdu minn Jannar indunajt li jekk ezempju, f'Jannar kellna cash u cheques total ta' 129,456 Euros, li minnhom dawn kien hemm 31, 679 biex ghalaq Jannar dahlu fit-21of February, u dan kien qed jiehu hafna hin li mhux suppost.* ***Inti l-flus tal-Gvern jew taghlaqhom dik il-gurnata jew taghlaqhom l'ghada****. U bdejt insaqsi l-mistoqsijiet. Kien dan meta jien bghatt l-ewwel email lil Mr Calleja fejn tghid* ***'kindly note that our procedure is that all revenue generated on a particular day must be deposited the following day. There are strict Government regulations and procedures.'*** *U bqajna nimmonitorjaw din il-haga.* <u>*L-ewwel email qeghda dated 12th April 2017*</u>*. Wara dan bqajna nimmonitorjawh imma l-istess haga baqghet tigri ghal*

---

[38] **Dok.IC u IC1** a fol. 1140-1143
[39] Fol.1138-1139.
[40] Fol.372-373

*Frar, ghal Marzu, ghal April, kull xhar ezempju <u>jekk niehdu Frar 41,000 minnhom dahlu sat-21 March</u>. Jekk niehdu <u>March ghandna 56,000 dahlu sat-20 April</u>. Jekk niehdu <u>April kellna 50,000 dahlu f'May</u>. U dan kien hemm, wara l- email jien stennejt li din il-haga ma tibqax tigri imma xorta baqghet tigri, allura bghattlu t-<u>tieni email li kienet dated 30 June 2017</u>, fejn spjegajtlu l-istess haga li hemm strict Government regulations fuq din. Mela mbaghad gbidt l-attenzjoni lic- Chief ta' fuqi Mr Martin Bowerman u tlajt fuq u bdejna nitkellmu. Hu cempel lis- Senior Manager tal-passaporti lil Mr Vince Sladden, u qallu biex jghid lil Mr Joseph Calleja biex jigu hemmhekk ha nitkellmu. Dan kien 5th July."*[41]

Tghid li Calleja ma taha l-ebda risposta izda kien mar l-ufficju taghha w qalilha li kien qed idum biex jaghmel *reconciliation* u jitfahhom il-bank minhabba problemi b'xi cekkijiet. Hi nfurmatu illi jekk ikollhu dawn it-tip ta' problemi kellu jinforma lilha kif ukoll lil Vince Sladden permezz ta' *email*. Madanakollu <u>ma nbiddel xejn</u> u meta imbghad rinfaccjawh fil-5 ta' Lulju w marru fl-ufficju tieghu fid-dipartiment tal-passaporti, sabu il-boroz illi kienu neqsin hemmhekk.

Dwar l-istima **Dok MB2**[42] ta' dak li kien ghadu dovut mill-imputat lid-dipartiment u li giet esebita minn Bowerman tghid: *"F'Jannar il-flus ta' Jannar kienu jidhlu fi Frar, il-flus ta' Frar kienu jidhlu f'Marzu.* ***Meta mbaghad waqqafnieha din is-sistema ghidnielu issa tina l-flus kollha li ghandek morna fl-office tieghu, ahna ghandna dawn il-boroz neqsin li huma dated 13th June, 9th June, 15th June, 16th June, 17th June, 22nd June 2017, 24th June 2017 u 26th June, u wahda ta' July ukoll tal-1 ta' July, li b'kollox jammontaw cash ghal 48,187. Kellna cheques ta' 4830 li b'kollox jigu 53,017 Euros****. Issa meta naraw, ahna sibnielu wkoll* ***fil-passport office kellu ammont ta' cash u cheques li***

[41] Fol.374
[42] Fol.360

***jammontaw ghal 5910. Money li hareg mill-but tieghu out of his pocket kien hemm 1500, u money out of his personal bag li b'kollox cash u cheque jammontaw ghal 1151****. Meta tara l-boroz li ahna ma sibniex li huma ffirmati, jigifieri nista' naghmel riferenza ghad-deposits, reconciliation sheet bic-chit. ….Dawn ir-reconciliaition sheets li huma bil-bag li jigu genearti mill-bank dawn huma ffirmati minn Joseph Calleja u kollegi tieghu."*[43]

Taghmel riferenza ghad-**Dok.PCL3** – dokumenti li nstabu fir-residenza tal-imputat mill-ispettur investigattiv[44] - u tispjega *"Dok A*[45] *li ghanda bag number 2612981 hija slip iggenerata mill-bank. Dawn huma l-flus iggenerati mill-passport office****, il-cash, ic-cheques, bl-Epos iffirmati u ffirmati minn Joseph Calleja u kollega tieghu li dawn suppost ghandhom jidhlu l-bank****. Meta tmur fil-bank taghna dawn qatt ma gew depozitati u lanqas kienu fil-passport office jew fis-safe room".***[46] Tkompli li s-*safe room* kienet *restricted* u *secure* fejn kien biss numru limitat t'ufficjali li kellhom access ghaliha fosthom l-imputat Calleja, ***"…mill-workings li ghamilt …l-flus ta' Gunju kien irid jistenna l-flus ta' Lulju biex jiddepozitahom dawn il-bags. Dawn il-bags qatt ma dahlu l-bank".*** Tkompli tindika l-ammonti li suppost gew depozitati l-bank izda ma sar l-ebda depozitu taghhom: *"Mela June and July 2017 bags still not deposited kellna 53,017. Issa flus li sibna fid-dipartiment taghna tal-passaporti, meta tnaqqas dawn il-flus jibqa' bilanc ta' 44,456. Jekk tara s-sales kollha li gew iggenerati, qeghdin fil-workings tieghi. Bhala sales mill-1 ta' Jannar sa 5th July 2017 il-passaporti ggenera 1,249,798 Euros. Flus li dahlu l-bank kienu ta' 1,196,781 Euros.* ***Minn dan jigifieri ghandna 53,017 Euros li qatt ma dahlu l-bank. Minn dawn il-53,017 Euros sibna flus fil- passaport office, mill-but tieghu u from his personal bag li meta tnehhi dawn il-flus u dawn ic-cekkijiet li sibna jibqa' bilanc ta' 44,456. Importanti li nghidu li l-flus li sibna***

---

[43] Fol.375-376
[44] Vide xhieda Spettur Caruana Lee a fol.26-27
[45] Fol.323
[46] Fol.376

***qeghdin in police custody."*** Ikkonfermat illi l-ammont ta' €44,456 kienu ghadhom dovuti lid-dipartiment.[47]

Ix-xhud giet murija dokumentazzjoni[48] fejn spjegat illi din kienet tikkonsisti f'fotokopja tal-flus li nstabu fil-pussess tal-imputat dakinhar li kkonfrontawh fl-ufficju tieghu. Flimkien ma Bowerman u Edwin Ebejer dawn il-flus inghaddew, gew ssigillati w mghoddija lill-pulizija. Tixhed li kien wara li nnutat dawn in-nuqqasijiet, u cioe` li *deposits* ma bdewx isiru fil-hin, li baghtet *email*[49] lill-imputat li fiha nfurmatu li 5 boroz relattivi ghad-dati tal-14, 16, 17, 20 u 23 ta' Marzu, 2017, kienu ghadhom ma gewx depozitati kontra l-proceduri u regoli mhaddma mid-dipartiment: *"There are strict government regulations and procedures that all Government related revenue must be deposited on the same day or the following day latest. These are serious concerns that must be addressed without further delay"*.[50] Calleja spjegalha verbalment li kien hemm xi problemi rigward cekkijiet u ftehmu li f'kazijiet simili kellu jinfurmahom b'*email. "Bqajna nimmoniterjawh u the same process happened li flus qed jigu deposited 30,000 ix-xahar ta' wara"*[51]. B'hekk baghtet *email* ohra fit-30 ta' Gunju, 2017,[52] fejn gie rrimarkat l-istess dwar il-boroz neqsin ghal erba granet fix-xahar ta' Mejju, u ghalhekk kien hemm thassib serju w kellu jiddepozitahom. Dan baqa' ma wegibx ghal dawn l-*emails.* Ghalhekk sar rapport lil Bowerman u sussegwentement gie mitkellem Calleja fil-prezenza ta' Vince Sladden.[53]

[47] Fol.377
[48] **Dok.PCCopy 1** a fol.34 et seq
[49] **Dok.LZ** a fol. 386
[50] Fol.378
[51] Fol.379
[52] **Dok.LZ1** a fol. 387
[53] Fol.379

Meta ltaqaw, hadu maghhom file ahmar - esebit fl-atti bhala Vol.II – u l-imputat beda jallega li s-security kien qed idum biex jiddepozita l-flus peress li hu kien jaghtihomlu fil-hin. Gie osservat li ***"meta kien hemm xi bag li dam, insibuh miktub darbtejn fil-file, jigifieri d-darba li veru tah lis-security ix-xahar ta' wara, u darba meta mhux veru tahulu, jigifieri hu bghabas bit-tipex fuq dawn id-dokumenti."***[54] Fil-presenza taghha Calleja qal li kien rema' tliett boroz bi zball li b'kollox kellhom €20,000[55] u li kien lest johroghom minn butu biex ma jidhlux il-pulizija fl-istorja. Zerafa tkompli tiddeskrivi kif meta marru fl-ufficju ta' Calleja, fil-passport office, hu hareg flus mill-baskett personali tieghu u mill-but minn quddiem ghajnejha.[56] Esebiet dokument li jaghti rendikont tal-flejjes nieqsin li kienu jirreferu ghall-Gunju w Lulju.[57]

Dokument iehor – **Dok.LZ3**[58] - esebit mix-xhud hu dak intiz li juri l-kakoli maghmula mid-dipartiment fejn *"l-highlighted hemm id-days li kien qed jaqbez it-22, 28, 30 days jigifieri kienu highlighted, u dawn gew mghodda biex nghidu nsibu l-working ta' kemm flus gew depozitati fix-xhar ta' wara, jigifieri kif diga' spjegajt f'Jannar kien hemm 31,679 gew presented February sa l-ahhar ta' Frar. L-istess haga February kien hemm, hawn miktub hawnhekk, ammounts regarding February deposited in March latest 21st March……Jigifieri dak qieghed highlited kemm flus u kemm days damu biex jigu depozitati. Fl-ahhar amounts deposited hemm miktub hdejhom jigifieri l-amounts li gew deposited fl-accounts tal-BOV tal-Identity Malta rigward il-passaporti, u l-flus li ma sibniex kif ghidna jammontaw ghal 53,017 Euros".*[59] Tikkonferma li kull gurnata Calleja kien jigbor il-boroz u dawn kienu jingabru mis-security biex jittiehdu l-bank fejn jigu depozitati.[60]

---

[54] Fol.380
[55] Fol.381
[56] Fol.381-382
[57] Fol.390-391
[58] Fol.388-391
[59] Fol.383
[60] Fol.384

**Vincent Sladden,** Senior Manager fi hdan Identity Malta w inkarigat mid-dipartimenti tal-Public Registry u tal-Passaporti, xehed dwar l-involviment tieghu. Semma kif nhar il-5 ta' Lulju, cempillu Martin Bowerman u talbu biex immur l-ufficju tieghu u jiehu mieghu lill-imputat. Meta wasal fl- ufficju ta' Bowerman kien hemm Leoni, u dawn bdew jispjegaw lil Calleja li kien hemm xi figuri li ma kienux qed jaghmlu sens. F'hin minnhom **Calleja ammetta li l-figuri li kien qed jipprezenta ma kienux korretti**.[61] Kif Bowerman semgha dan qal li kien ha jinforma lic-Chairman. Sadanittant Calleja talbu biex jinzel juza l-*bathroom* u kif kienu niezlin mieghu Calleja offra ghoxrin elf Euro (€20,000) lil Bowerman biex dan ma jdahhalx il-pulizija.[62]

Kompla li flimkien marru l-Evans Building fejn Calleja kellu l-iskrivanija tieghu. Minn hemm **Calleja hareg xi boroz li fihom jitpoggew id-depoziti mal-bank, wahda minnhom minn *lunch box* u taha xi cash lis-Sur Bowerman minn borza ohra li nharget mid-desk biex jibbilancja l-bilanci li hemm neqsin**. Hemmhekk Bowerman involva lill-pulizija.[63]

**Edwin Ebejer,** *Advisor* fi hdan l-Identity Malta, spjega kif fil-5 ta' Lulju waqt li kien l-ufficju, marret hdejh Leoni Zerafa, wrietu zewg *delivery notes* u staqsietu x'jahseb dwarhom. Kif ra *bags* tal-flus li suppost gew depozitati izda ma kienux hass li kien hemm il-loghob, *"ghax dan **il-bags kollha li jmorru f'gurnata l-bank ikunu qeghdin go bags tas-security u jew imorru kollha jew ma jmur xejn"***.**[64]** Ikompli *"ridna naraw dawk il-flus il-flus li bicciet minnhom tax-xahar ta' qabel ghaliex ghadhom ma dahlux il-bank. Meta ghandna r-reconciliation tkun giet f'gurnata fejn kienu ilhom kwazi teltin gurnata li ma dahlux il-bank....**hargu xi flus mill-bag***

---

[61] Fol.392
[62] Fol.393
[63] Fol.393
[64] Fol.396

***tal-ikel...tas-sur Calleja, u kien hemm xi haga li harget mill-but tieghu.*** *Kien hemm deposit bag tal-gurnata ta' qabel ghalaqniha u kien hemm xi wahda jekk qed niftakar sew tal-14th June ...ma kienx hemm il-flus kollha li kien hemm bzonn, dawk hareg xi haga mill-but qalli li dawk suppost jidhlu f'dik il-bag u jien ddecidejt li ma tinghalaqx u tigi migbura. Imbghad ghandhi listatal-ammont ta' flus li f'dik il-gurnata kienu ghadhom ma dahlux il-bank fid-deposit."*[65]

Din il-lista taghti rendikont ta' x'ma dahalx il-bank sal-5 ta' Gunju. [66] Jispjega li b'total kienu ghadhom ma dahlux il-bank 53, 017 Euro li minnhom instabu xi flus fil-passport office, flus li nhargu mill-but tieghu u mill-personal bag u ghalhekk **l-ammont dovut kien ta' 44,456 Euro**, fosthom cash 40,338 Euro.[67] Izid *"Ahna nzommu records ta' meta gbarna d-deposit bags u meta attwalmnet dahlu l-bank. Fl-ewwel tliet xhur kien hemm somma. Fit-tliet xhur ta' wara li huma April, Mejju u Gunju, l-ammont zdied mhux naqas…hu s-sommom flok kien jiddepozithom l-ghada jew il-pit-ghada kienu xi numru ta' granet b'lura, allura meta ahna qisu fl-ahhar tax-xahar naraw dak ix-xahar kemm gbarna minnu,* ***insiibu ammont ta' boroz li ma dahlux. Sussegwentement meta morna naraw li ma dahlux fejn qeghdin, fl-ufficju ma kienux u dik hija l-figura li ma sibniex fl-ufficju".***[68]

**Simon Buhagiar,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c, spjega kif il-boroz bil-flus jasslu l-Bank minn Identity Malta. Jitwasslu s-Central Deposits, f'Santa Venera. Id-*delivery* issir permezz tas-*security van* li jibqa' diehel fil-garage. Meta jghaddi xoghol il-bank l-istess security jipprezenta *official receipt* li fuqha jkun hemm miktub in-numru ta' boroz li jkun hemm, il-firma tal-courier u l-hin li jkun gabar ix-xoghol minghand il-klijent. Bhala bank jiccekjaw l-*official receipts* u jassiguraw li dak indikat bhala cash depozitat verament gie hekk depozitat u

[65] Ibid
[66] **Dok.EE** a fol. 401
[67] Fol.397
[68] Fol.397

jiffirmaw dik ir-receipt bid-data u l-hin li jkunu rcevew ix-xoghol. Sussegwentament dik il-borza tigi registrata fid-*data base*, tinfetah u jinghaddew il-flus sabiex jigi konfermat li l-ammont jaqbel mad-deposits li jkun ipprezenta l-klijent. Hemm jigi kreditat il-kont tal-klijent dakinhar stess. F'kaz ta' cekkijiet dawn jigu processati f'dipartiment iehor. Meta jkun hemm deposit ta' cash fil-kont tal-klijent, jitnizzel ukoll il-*bag number* ta' dak id-depozitu.[69] Riprodott jispjega *"Ahna d-deposit dejjem jigu through a security company, jigu ghandna c-centru, niccekjaw mar-receipt li taghtina s-security company tad-deposits li jkunu saru imbaghad id-deposits isiru mill-kaxxiera taghna fil-kont relevanti skond id-depozitu."*.[70]

**Carmen Baldacchino,** skrivana ma Identity Malta fis-sezzjoni tal-passaporti, xehdet kif meta jircievu il-flus u cekkijiet fl-ahhar tal-gurnata ghal ħabta tas-2pm, hi w il-kollegi taghha jmorru ghand il-kaxxiera w jiccekjaw il-flus u cioe` li l-ammont li hemm huwa korrett u jaqbel ma dak li jkun tnizzel fil-*cash book*. Wara jaghlquhom go *envelope* u jghadduhom lill-imputat sabiex jitpoggew go lis-*strong room*.[71] Riprodotta issemmi kif meta l-imputat kien jghodd il-flus kien jghidilha sabiex tiffirma mieghu u dan meta kienu jqabblu l-flus mal-*cash book*.[72]

**Rosanne Agius,** Senior u Administrative Officer, spjegat li fl-ahhar tal-gurnata kienu jiccekjaw il-*cash* ta' kull kaxxiera u jdahhluhom go *envelope* li jigi ssigillati. Jergghu jiddahlu go *envelope* ikbar li jingahalq gol-*vault* biex l-ghada issir *reconciliation* mal-ufficju nkarigat.[73] Wara li l-*envelope* jigi issigillat u mqieghed fil-*vault,* l-ghada, tali *envelope* jinfetah u ssir *reconciliation* fejn jinghaddu l-flus kontanti u cekkijiet. L-imputat kien iqabbel il-flus mal-*cash book* u jiffirma

[69] Fol.428
[70] Fol.1151
[71] Fol.442-443
[72] Fol.1167
[73] Fol.446

maghha. **Kien l-imputat li kellhu l-kompitu jibghat il-flus il-bank.**[74] Tikkonferma li meta l-imputat kien jghaddi l-flus lis-security sabiex dawn jigu depozitati il-Bank dan kien ikun wahdu.[75] Issemmi kif nhar il-5 ta' Lulju, 2017, fil-presenza ta' Bowerman, Sladden u Leonie Zerafa **rat lil imputat johrog *security bag* tal-Bank of Valletta minn gol-basket tieghu.**[76] Tikkonferma li kien biss Calleja li kellu r-responsabbilita` jibghat il-flejjes il-bank.[77] Riprodotta spjegat li xogholha hu li tivverifika l-applikazzjonijiet tal-passaporti. Meta tinhtieg access ghall-*vault*, hi flimkien mal-kollegi taghha, jidhlu fil-*vaults* filghodu biex jiehdu l-kotba tal-passporti l-vojta, jaghtuhom lill-operaturi tal-*printing room*, jiccekkjawhom flimkien, u jibdew ix- xoghol tal-gurnata. Ikun hemm xi hadd iehor inkarigat jghodd il-cash tal-gurnata ta' qabel, ghalhekk johrog il-cash ukoll matul il-gurnata u dan jibda jinghadd minn persuna ohra.[78]

**Joanne Caruana,** Administrative Officer, iddeskriviet li kellha access ghal *vault* u kienet taghmel uzu minnu meta tidhol igib xi passaport barra mill-hinijiet tal-ufficcju, meta jkollha ggib xi passaporti ghall-*printing* jew meta jkun hemm xi officers bil-leave jew bis-sick leave biex tohrog il-cash.[79]

**David Galea,** in rapprezentanza tal-APS, xehed li l-imputat ghandu tliett kontijiet attivi izda li dawn huma milquta minn *freezing order*.[80] Kont infetah f'Jannar, 2017, iehor f'Marzu, 2017, u iehor f'Settembru, 2013. Il-maggoranza ta' depoziti fihom kienu *inward payment orders* tas-salarju tieghu. "*U mbghad kien hemm bejn Ottubru tal-2013 u Lulju tal-2017, hdax-il depozitu in cash illi kienu*

[74] Fol.448
[75] Fol.449
[76] Fol.450
[77] Fol.451
[78] Fol.1164
[79] Fol.1170
[80] Fol.454

*jammontaw ghal madwar 2800. U depoziti ohra kienu tlett cekk deposits …L-ammont taghhom kienu, wiehed ta' 450, wiehed ta' 880 u l-**iehor ta' 44, 000**.".*[81] Dan ic-cheque gie depozitat fis-savings account bin-numru li jispicca 8104 fit-23 ta' Mejju, 2017.[82] Fil-fatt l-istatement relattiv juri dan id-**depozitu qawwi ta' €44,782.14** li sar permezz ta' *local cheque deposit*.[83] Dan kien cheque mahrug minn Mortgage Business Service Contracts tal-HSBC.[84]

Xehdet **Amanda Mifsud** fi zmien li kienet id-Direttur li harget struzzjonijiet dwar procedura li kellha tigi addottata meta kien ser jinfetah il-*vault,* u cioe` li dejjem kellhom ikunu tnejn minn nies li jiffirmaw li jkunu ser jifthu is-safe, jew meta jkunu ser jitfghu l-flus fl-*envelope*. Anke meta jiccekjaw il-flus dejjem kien hemm il-htiega li jkunu tnejn minn nies. Harget dawn l-istruzzjonijiet bejn l-2016 u l-2017.[85]

**Joseph Grech**, in rapprezentanza ta' Signal 8 Security, xehed li f'Lulju, 2017 u fix-xhur ta' qabel Signal 8 Security kienet tigbor il-boroz bil-flus minghand il-Passports Office u twassalhom il-Bank of Valletta Cash Centre f'Santa Venera. Il-gbir kien isir ta' kuljum minn pool zghir ta' persuni izda mhux mill-istess persuna.[86]

**Antoine Borg,** accountant u awditur, li gie inkarigat mill-Qorti janalizza dokumentazzjoni mmarkata bhala **Dok.PCL3**[87]**,** li tikkonsisiti fil-boroz u *reconciliation sheets* li nstabu fi-residenza tal-imputat, jikkonkludi[88] li l-

---

81 Fol.456
82 Fol.457.
83 **Dok.DG2** a fol.462 et seq u senjatament fol.471
84 **Dok.DG4** a fol.474
85 Fol.1161
86 Fol.1152-1153
87 Fol.323
88 Fol.431-433; **Dok.AB** a fol. 434 et seq

komputazzjoni maghmulha minn Identity Malta (esebita f'**Dok.PCL3** bhala **Dok.DOA**, kopji ta' liema rendikont gew esebiti wkoll bhala **Dok.MB2**[89]u **Dok.EE**[90]**)** fejn gie indikat bhala **l-ammont dovut dak ta' €44,456, hija korretta**.

In kontro-ezami jikkonferma li ma rrizultalx li kien hemm xi *stop payments* fuq cekkijiet.[91] Jghid ***"Kien hemm disat ijiem li l-boroz bis-suppost depoziti ma sarux…..9, 13, 15, 16, 17, 22, 24, 27 ta' Gunju u l-1 ta' Lulju 2017****…. Jien ma jirrizultali mkien li gew depozitati f'dak il-bank account illi jien gejt infurmat li Identity Malta tuza, u jidher li, almenu mill-istatements li nghatawli li jmorru ovvjament ghal perjodu ta' wara wkoll,* ***ma gewx iddepozitati****. Il-granet l-ohrajn is-security bags illi kienu ovvjament in-numri taghhom ikun fuq ir-reconciliation sheet li tipprepara Identity Malta, sabu ruhom iddepozitati bl-ammont it-tajjeb, bl-amont korrett, fil-bank statements fil-bank accounts. … analizzajt il-bank statements, rajt x'gie depozitat u rrizultali li n-numri li nqabzu kienu l-istess numri elenkati fir-reconciliation sheets ta' dawk li ma gewx depozitati, u li skond ix-xhieda nstabu fir-residenza tas-Sur Calleja."*[92]

L-espert inghata l-inkarigu ulterjuri jikkwantifika dak dovut lill-Identity Malta, l-€44,456, bejn cekkijiet u flus kontanti. Fir-relazzjoni tieghu jindika li bhala **ammonti li ma gewx depozitati kien hemm €48,187 fi flus kontanti u €4,830 f'cekkijiet.** Elevati mill-pulizija kien hemm €7,849 f'cash u €712 f'cekkijiet. Ghalhekk jikkonkludi li bhala ammonti li ghad kellhom jigu depozitati kien hemm €40,338 *cash* u €4,118 f'cekkijiet. **B'kollox €44,456**. [93] Riprodott jikkonferma dawn l-ammonti.[94]

---

[89] Fol.360
[90] Fol.401
[91] Fol.478
[92] Fol.479-480
[93] Fol.513
[94] Fol.1403 u fol.1405

L-espert **Joseph Mallia** ipprezenta r-rapport tieghu[95] wara inkarigu sabiex janalizza dokumenti li gew esebiti fil-Vol.II u cioe` dokumenti ta' Identity Malta, ricevuti tal-kumpanija Signal Eight, *chits* appartenenti lill-*security bags* li fihom jitpoggew l-*envelopes* bil-flejjes. L-analizi kienet sabiex jigi determinat jekk kienx hemm xi manipulazzjoni ta' xi numri jew inkella xi numri doppji. **Huma id-doversi istanzi li fihom nstabu irregolaritajiet fejn numri ta' boroz gew miktuba darbtejn jew numri gew imhassra u overwritten**.

Qed jigi rilevat li **ma ngabet l-ebda prova biex turi in konsiderazzjoni ta' xhiex inhareg dan ic-cekk fl-ammont ta' aktar minn €44,000 minghand Mortgage Business Service Contracts tal-HSBC**[130] **ghaf-favur tal-imputat.** Interessanti wkoll li l-HSBC meta mitlub jaghti informazzjoni lir-Registratur tal-Qorti ma

[126] Fol.513
[127] Fol.26-27
[128] Ritratt nru.14 f'**Dok.PCLZ** a fol.416
[129] Ritratti numri 1-13, 13 u16 f'**DokPCLZ** a fol. 416
[130] **Dok.DG4** a fol.474

jaghmel l-ebda riferenza ghal din it-transazzjoni! Tali informazzjoni takkwista rilevanza tenut kont li fit-12 ta' Mejju, 2017, gew kancellati diversi ipoteki li fihom l-HSBC kien kreditur tal-imputat – Nota insinwata bin-numri 3148/2017 u 3149/2017.[131]Kien ikun ferm opportun kieku l-prosekuzzjoni gabet provi li juru ghaliex l-imputat ircieva aktar minn €44,000 u ghaliex fl-istess perjodu saru dawn il-kancellamenti da parti tal-kreditur HSBC Bank.

Inkwetanti jibqa' l-fatt li meta l-HSBC intalbet tghaddi informazzjoni lir-Registratur tal-Qorti, dan il-fatt kif ukoll informazzjoni dwar dawn l-ipoteki, ma ngabitx a konjizzjoni tar-Registratur.

Hu ferm indikattiv li l-ammont ta' flejjes dovuti lill-Identity Malta hu dak ta' **€44,456**. Filwaqt li l-imputat fl-istqarrija tieghu li ttiehdet f'Lulju, 2018, semma' kif madwar hmistax il-xahar qabel kien rema' l-flejjes,[132] il-Qorti ma tistax ma tinnutax li dan id-depozitu qawwi ta' aktar minn **€44,000** sar f' Mejju, 2017, erbatax il-xahar qabel ma l-imputat gie interrogat dwar dan il-kaz!

Madanakollu mhemmx dubbju li anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, ikollu jigi emnut l-imputat li "rema" ma kemm jiswew €70,000 – allegazzjoni li baqghet ma giet korroborata bl-ebda mod - **dak li sehh wara hu agir li jinkwadra perfettament fir-reat ta' approprijazzjoni indebita**. L-elementi rikjesti sabiex jissussisti dan ir-reat ser jigu kkunsidrati aktar il-quddiem meta l-Qorti tkun qed tikkunsidra jekk jirrizultawx l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat Calleja.

---

131 Fol.1227-1229
132 Fol.13

L-ewwel Imputazzjoni: Truffa

Ghalkemm l-imputat gie akkuzat bi truffa, gja intqal li l-Bank of Valletta ircieva l-ammonti li kellu jircievi u certament fir-rigward tal-bank ma tirrizulta l-ebda truffa. Mill-fattispeci tal-kaz in dezamina lanqas ma tirrizulta xi truffa jew l-uzu t'ingann jew raggiri adoperati da parti tal-imputat li wasslet lil bank jew lil Identity Malta jghaddu flejjes lill-imputat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) elenkat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti dan ir-reat:[133]

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[134]

Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

It-Tieni Imputazzjoni: Approprijazzjoni Indebita

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** l-Qorti bdiet biex taghmel distinzjoni bejn ir-reat ta' serq, ta' frodi u dik tal-approprijazzjoni indebita, bl-ahhar zewg reati jkunu dawk addebitati lill-imputat bl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet:[135]

---

[133] Per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 15.12.2011

[134] **Pulizija vs Carmela German**; Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata

[135] Deciza 09.06.1998. Ara wkoll **Il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013

Dan ir-reat ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.

Kompliet biex telenka l-elementi ta' dan ir-reat:

Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D.,** meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li: [136]

Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita[137], fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-*dolo* rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega **Luigi Majno** (*op. cit.supra*):

**Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve**

---

[136] Deciza 23 ta' Dicembru, 2003; Appell Nru.21/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano

[137] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega **Luigi Majno**, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

**distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dole*.**[138]

Illi r-riferenza minn dik il-Qorti ghall-awtur **Majno** tassumi rilevanza tenut kont tal-fatt li:

Majno kien qiegħed jikkummenta fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Awturi oħrajn, bħal Antolisei u Manzini, jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-Kodiċi Penali Taljan tal-1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi.[139]

Fil-fatt kien bil-promulgazzjoni tal-**Ordinanza VIII tal-1909** li d-disposizzjonijiet introdotti bl-**Ordinanza IV tal-1984**[140] gew sostitwiti bid-dispozizzjonijiet (artikoli 295 u 296)[141] li jikkorispondu mal-artikoli 293 u 294

---

[138] *op. cit.* para. 1953, pag. 105-106.
[139] **Il-Pulizija vs Paul Portelli,** Appell Nru: 423/2014 Deciza 11 ta' Settembru, 2015 mis-S.T.O Il-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri
[140] 276. Chiunque, avendo ricevuto la cosa altrui in deposito volontario o per uso determinato, per causa di lucro negasse la ricezione, od allegasse un falso motivo per liberarsi dall' obbligo della restituzione, sara' punito coi lavori forzati o colla prigionia da due a nove mesi.
[141] 295. Chiunque si appropria, convertendola in profitto di se' o di un terzo, una cosa altrui che gli sia stata affidata o consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato, sara' punito, a querela di parte, coi lavori forzati o colla prigionia fino a nove mesi
296. La pena e' da cinque mesi ad un anno, e si procede di ufficio, quando il delitto preveduto nell' articolo precedente sia commesso sulle cose affidate o consegnate per ragione di professione, industria, commercio, azienda, ufficio, servizio, o deposito necessario.

tal-Kodici Kriminali. Kien ghalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza taghha **Sua Maesta il Re vs Giuseppe Felice** iddecidiet:

> Attesocche' nei termini dell'articolo 295 delle Leggi Criminali come emendato coll'articolo 28 dell' Ordinanza VIII del 1909, conforme all' articolo 417 Codice Penale pel Regno d'Italia "commette frode chiunque si appropria convertendola in profitto di se' o di un terzo una cosa altrui che gli sia stata affidata e consegnata per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restiturila o di farne un uso determinato.

Issir riferenza ukoll ghad-decizjoni **The Police vs Artur Arakelyan:**[142]

> Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist **Francesco Antolisei** explains:
>
> "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[143]
>
> The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. …..
>
> Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.

Illi fil-kawza gja citata I**l-Pulizja vs Paul Portelli**, il-Qorti spjegat kif –

> *huwa **t-titolu**, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett".*

Dik il-Qorti kompliet hekk:

---

142 Deciza 17.07.2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

143 **Il-Pulizija vs Francis Camilleri,** Deciza 25.06.2001 – Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)

**15**. Di fatti, l-awtur **Luigi Majno** dwar dan l-element jgħid:

"Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio.[144]"

**16.** Għalkemm fil-paragrafu citat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali – li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni -- tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.

**17.** Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Concetta Charles**[145] il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi.

Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi'** il-Qorti kienet qalet hekk:

**Dwar l-elementi in ġenerali**

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'

144 **Luigi Majno**, Commento al Codice Penale Italiano, Unione Tipografico – Editrice, Terza Edizione, 1911, pg. 592, #1948.
145 Appell Kriminali Numru 375/2011 Deciz per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano 12 ta' Frar, 2013.

Fil-każ '**Il-Pulizija vs George Bellizzi'**, il-Qorti qalet hekk:

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.

Imbghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** gie deciz:[146]

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

*4.* Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tal-provi migjuba, mhemmx dubbju li prosekuzzjoni soddisfacentement ippruvat il-kaz taghha in kwantu ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita, it-tieni imputazzjoni, li kif intqal fiha jinkwadra l-ghemil tal-imputat u mhux dak ta' frodi, l-ewwel imputazzjoni.

---

[146] Deciza 15.02.2007 per S.T.O. Prim Imhallef, Dr. Vincent De Gaetano; Appell Numru 87/2007

Gie ampjament ppruvat kif l-flejjes tal-gurnata gew mghoddija lill-imputat minn Identity Malta sabiex dawn jigu depozitati l-bank f'isimha. Mhux talli dawn ma gewx hekk depozitati izda, u dan fuq medda ta' zmien, kien izomm ghandu dhul dovut lil Identity Malta u sahansitra johodhom mieghu d-dar. L-istess jinghad ghall-flejjes li nstabu fil-pussess tieghu meta saret tfittxija fuqu w fl-iskrivanija tieghu.

Hu ferm sinikattiv li fir-residenza tieghu ma nstabux l-€44,456 dovuti lil Identity Malta izda somma ferm izghar ta' **€6,610 mqassma fis-7 *deposit bags*. Ir-*reconciliation sheets* appartenenti ghal dawn is-7 *deposit bags* juru li mill-boroz rispettivi kienu ttiehdu ammonti sostanzjali tal-flejjes li suppost gew depozitati fihom** biex b'hekk l-imputat spicca jdawwar, bi profitt ghalih, flejjes fdati lilu sabiex jigu depozitati l-Bank of Valletta minn Identity Malta. Anke mill-boroz li nstabu fl-iskrivanija u fil-*lunch box* tieghu kien hemm flejjes nieqsa.

Fil-fatt minn analizi tar-*reconciliation sheets* relatati mad-*deposit bags* li nstabu fir-residenza tal-imputat, 7 b'kollox, kif ukoll zewg (2) deposit bags ohra li nstabu ghandu (fil-*lunch box* u fl-iskrivanija tieghu minn ufficjali ta' Identity Malta) – **Dok.PL3** – u tenut kont ix-xhieda tal-Ispettur Caruana Lee, fejn b'mod dettaljat spjegat l-ammonti ta' flus li effetivament instabu fid-deposit bags,[147] jirrizulta s-segwenti:

i. Deposit bag nru. 2618723 suppost kienet tikkontjeni €5,725 cash izda minflok instabu fiha biss cash fl-ammont ta' €85 u 11 il-cekk fl-ammont ta' €1,078.[148] **€5,640 anqas**. Din il-borza kienet tirrigwarda id-dhul tas-17 ta' Gunju, 2017.

[147] Fol.26-27
[148] Doc.A4

ii. Deposit bag nru. 2612977 suppost kienet tikkontjeni €4169 cash izda minflok instabu fiha biss €139 cash u 11 il-cekk fl-ammont ta' €936.[149] **€4,038 anqas**. Din il-borza kienet tirrigwarda id-dhul tat-22 ta' Gunju, 2017.

iii. Deposit bag nru. 2612979 suppost kienet tikkontjeni €6,228 cash izda minflok instabu fiha biss €93 cash u numru ta' cekkijiet fl-ammont ta' €432.[150]**€5,796 anqas**. Din il-borza kienet tirrigwarda id-dhul tal-24 ta' Gunju, 2017.

iv. Deposit bag nru. 2612981 suppost kienet tikkontjeni €6,096 cash izda minflok instabu fiha biss €486 cash u 6 cheques fl-ammont ta' €328.[151]**€5,124 anqas.** Din il-borza kienet tirrigwarda id-dhul tal-27 ta' Gunju, 2017.

v. Deposit bag nru. 2618722 suppost kienet tikkontjeni €6,283 cash u tlett cheques fl-ammont ta' €112.[152] Din il-borza kienet tirrigwarda id-dhul tas-16 ta' Gunju, 2017.

vi. Deposit bag nru. 2618719 suppost kienet tikkontjeni €5,365 cash izda minflok instabu fiha biss €372 cash u 6 cheques fl-ammont ta' €440.[153]**€4,993 anqas.** Din il-borza kienet tirrigwarda id-dhul tat-13 ta' Gunju, 2017.

vii. Deposit bag nru. 2612984 suppost kienet tikkontjeni €5,472 cash izda minflok instabu fiha biss €617 cash u 12 il-cheque fl-ammont ta'

---

149 Doc.A10
150 Doc.A3
151 Doc.A1
152 Doc.A6
153 Doc.A7

€792.[154]€**5,380 anqas.** Din il-borza kienet tirrigwarda id-dhul tal-1 ta' Lulju, 2017.

viii. Mit-tfittxija li saret minn ufficjali ta' Identity Malta, mill-*lunch box* tal-imputat instabet Deposit bag nru. 2618721 li suppost kienet tikkontjeni €2,795 cash u 3 cheques fl-ammont ta' €256.[155] Minflok din instabet li kien fiha biss €895. **€1,900 anqas**. Din kienet tirrigwarda id-dhul tal-15 ta' Gunju, 2017.[156]

ix. Mill-kexxun tal-iskrivanija tal-imputat inharget Deposit bag nru.2618716 suppost kienet tikkontjeni €6,054 cash u 7 cheques fl-ammont ta' €456. Minflok instabu fiha biss €5,254.[157] **€800 anqas.** Din kienet tirrigwarda id-dhul tad-9 ta' Gunju, 2017.[158]

Id-dati tar-*reconcilaition sheets* annessi ma dawn id-disa' (9) boroz ghandhom rilevanza in kwantu ta' dak li kkonkluda l-espert awditur Antoine Borg: ***"Kien hemm disat ijiem li l-boroz bis-suppost depoziti ma sarux…..9, 13, 15, 16, 17, 22, 24, 27 ta' Gunju u l-1 ta' Lulju 2017***….".[159] Jikkonkludi li baqa' ma gewx depozitati b'kemm jiswew €48,187 fi flus kontanti u €4,830 f'cekkijiet. Peress li kienu gew elevati mill-pulizija €7,849 f'cash u €712 f'cekkijiet, il-bilanc dovut mill-imputat kien dak ta' **€44,456** konsistenti fi €40,338 *cash* u €4,118 f'cekkijiet.[160]

---

154 Doc.A9
155 **Dok.PCCopy 1** a fol.34 et seq.
156 Doc.A5
157 Fol.25. Vide **Dok. PCCopy 3** a fol. 53 et seq
158 Doc.A5
159 Fol.479
160 Fol.513

Dan iwassal lill-Qorti tikkonkludi li l-**imputat approprija ruhu indebitament ta' xejn anqas minn €53,017 liema flejjes gew fdati lilu fil-kors tal-impjieg tieghu bil-ghan li jigu depozitati l-Bank of Valletta f'kont intestat fuq l-Agenzija Identity Malta.**

Il-Hames Imputazzjoni: Falsifikazzjoni Ohra

Giet ampjament ppruvata wkoll il-hames imputazzjoni u cioe` dik ta' fasifikazzjoni ravvizata bl-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea**:[161]

> Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …

Mill-provi prodotti u senjatament anke tenut kont ta' dak mistqarr mill-imputat, kemm fl-istqarrija minn tieghu w anke quddiem din il-Qorti, kif ukoll meta jigu kkunidrati l-konkluzzjonijiet skjaccanti milhuqa mill-espert

[161] Deciza 17 ta' Ottubru, 1997, per Onor. Imhallef Vincent Degaetano

kalligrafiku, ma hemmx dubbju li l-hames imputazzjoni giet ampjament ippruvata.

Imiss jigu kkunsidrati t-tielet[162] u r-raba[163] imputazzjonijiet kif ukoll l-aggravanti mahsub bl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, li jipprospettaw bhala element essenzjali l-kariga tal-awtur bhala "uffiċjal jew impjegat pubbliku".

It-Tielet Imputazzjoni: Storn

Rapprezentant minn Jobsplus xehed li sa mill-1992 l-imputat kien impjegat fl-Ufficju tal-Prim Ministru.[164] Madanakollu bosta kienu dawk ix-xhieda, kif wara kollox jirrizulta ampjament mill-atti, li l-imputat kien impjegat mal-Agenzija Identity Malta u senjatament fi hdan l-Passport Office.

Fir-regolament 5 tal-***Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta*** (L.S.595.07) insibu:

> 5. L-Aġenzija għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' t-Titolu 2 tat-Taqsima III tal-Att u għandha tkun regolata b'dawk id-dispożizzjonijiet.

Fil-fatt fl-***Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika***, Kapitolu 595 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-Raba Skeda tieghu ntestata ***Agenziji***, insibu msemmija lil *"Agenzija Identita` Malta"*. It-Titolu imsemmi jittratta l-Agenziji fejn fl-artikoli 33 u 34 tieghu insibu kif gej:

---

162 Storn, ravvizat bl-artikolu 127(1) tal-Kodici Kriminali

163 Tibdil b'qerq f'atti magħmul minn uffiċjal pubbliku, ravvizat bl-artikolu 180 tal-kodici Kriminali

164 Dok.JS a fol.1146

**33.** Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jista', skont direzzjoni tal-Prim Ministru, jassenja jew jirrevoka l-assenjazzjoni ta' uffiċjal pubbliku biex jaqdi dmirijietu ma' aġenzija għal dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jista' jippreskrivi.

**34.** (1)Meta uffiċjal pubbliku jkun assenjat biex jaqdi dmirijietu ma' aġenzija dak l-uffiċjal għandu, f'dak iż-żmien li matulu dik id-direzzjoni tkun fis-seħħ, ikun taħt id-direzzjoni u l-kontroll amministrattiv tal-kap tal-aġenzija, iżda għandu xort'oħra jibqa' jżomm id-drittijiet u d-dmirijiet kollha bħala uffiċjal pubbliku, u għall-finijiet ta' kull liġi li għandha x'taqsam mal-pensjonijiet għal servizz mal-Gvern, is-servizz ma' dik l-aġenzija għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern:…..

Ma ngabet l-ebda prova li kien hemm xi assenjazzjoni kif imsemmija f'dawn id-disposizzjonijiet.

F'dan l-isfond issir riferenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** moghtija nhar il-31 ta' Mejju, 2012,[165], fejn il-Qorti rriteniet:

"Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: **"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."**

Kif intqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.:[166]

*"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

---

[165] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima
[166] Deciza 13.03.1998, App. Krim.

Fis-sentenza **Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et**, kaz fejn il-Qorti Kriminali ghamlet ezami *funditus* dwar meta tista' tirrizulta komplicita` fl-istess reat, iddikjarat:[167]

> Illi gie deciz min din l-Qorti, kompsota minn tlett Imhallfin, fil-kawza **"Rex vs Brincat"**deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12……huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita` anke jekk tghin lill-uffijal publiku, ma tistax tigi akkuzata ta' komplicita` taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita` ta' ufficjal jew impejgat pubbliku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu…..
>
> Illi fil-kaz **"Rex vs Victor Fava"** deciz ukoll minn din l-qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju 1943, gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simil, il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabb l-karika tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-ufficjal pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklusivament personali ma hijiex kommunikabli.
>
> Illi l-principju ta' non-kommunikabilita`, minhabba li si tratta mhux ta' kwistjoni ta' facilitazzjoni, imma ta' vjolazzjoni ta' dover specjali, propunjat f'dawn is-sentenzi huwa accettat mill-Pessina….. Masucci (Dig. It. voce "Partecipazine", n.155).
>
> Dan l-awtur tal-ahhar precizament jghid illi d-delitt f'kaz simili, jidderiva "dalla violazione di uno special dovere incombente ad una determinate persona; neppure puo essere estesa agli altri condeliquenti perche` non sarebbe giusto che risentisce i danni della violazione di un dovere speciale anche chi a questo dovere non era sottoposto". U ghandu jigi nutat li persuna tigi sottoposta ghal dak id-dover mhux biss ghax tkun ufficjal publiku imma ghax il-haga tkun giet fdata lilha minhabba l-karika; u ghalhekk **mhux bizzejjed li tkun ufficjal publiku biss, minghajr ma jkun hemm l-affidament tal-haga.** Ikompli jghid gustament il-Masucci illi "se l'aggravante forse anche a lui communicabile, si avrebbe questa inammissibile conseguenza che si risponderebbe come complice di un'aggravante nella quale non si sarebbe potato concorrere, se il colpevole, invece di limitarsi alla parte di complice, avesse scelto quella di esecutore del reato". U precizamnet dan huwa l-aqwa argument. Infatti diversament, kieku ma tigix segwita din it-teorija, jista jkun hemm dan l-assurd;
>
> ……..Il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku serviet ta' facilitazzjoni ghar-reat, imma b'dan kollu ma tistax tikkomunika ruhha lill-komplici, ghaliex ic-cirkustanza ta' ufficjal publiku, akkopjata ghall-affidament tal-haga stornata minhabba l-kariga, hija mhux aggravanti, imma element tar-reat specjali; u l-komplici, li, ankorke` hu ufficjal publiku, ma kellux pero` l-haga fdata lilu, ma setax jikkometti dak it-titolu ta' reat ghalkemm seta' ikkometta titolu ta' reat iehor. Fl-ewwel kaz hemm it-titolu ta' serq (reat komuni) pju` l-aggravanti, kommunikabbli ghax serviet ta' aggravanti; fit-tieni kaz hemm titolu specjali ta' reat, biss dik ic-cirkustanza (ufficjal publiku pju l-affidament tal-haga minhabba l-karika) ma hijiex aggravanti, imma element kostituttiv tar-reat stess, u dak li fih ma

[167] Deciza 16.06.1950 per S.T.O. Sir George Borg, Onor. Dr A.J. Montanaro Gauci, Onor. Dr. W. Harding. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

tirrikorrix dik ic-cirkustanza ma jistax jikkometti, mhux l-aggravanti, imma ma jistax jikkometti t-titolu stess ta' dak ir-reat specjali.

…Illi minn ezami tal-att tal-kawza…jirrizulta li f'dan il-kaz il-haga allegata stornata kienet taht idejn akkuzat wiehed biss, in forza tal-ufficju tieghu, cjoe` ta' Guzeppi Fenech. Iz-zewg ko-akkuzati l-ohra huma, jew kienu, ukoll impjegati pubblici, sija pure fl-istess dipartiment, imma l-haga stornata ma kienitx fdata lilhom in forza tal-impjieg taghhom….

Illi ghalhekk la darba tonqos dik i-cirkustanza, ma hemmx lok ghall-komplicita` - salva konsiderazzjoni diversa ta' l-allegat ghemil taghhom, anki in bazi ghall-kwalita` taghhom ta' impjegati publici, kif allegat mill-prosekuzzjoni. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Frank Farrugia**:[168]

L-istorn jipprospetta dawn l-elementi. Li wieħed ikun
(a) impjegat pubbliku u
(b) li għamel użu ħażin minn ħwejjeġ mobbli fdati lilu
(ċ) li kienu fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu
(d) għall-vantaġġ privat tiegħu.

Fil-fehma tal-Qorti kienu ppruvati l-erba' elementi. L-impjegat kien altru milli responsabbli tal-proviżjonijiet u dawn ddispona minn xi wħud minnhom sabiex ikun jista' jdaħħal xi ħaġa fil-but hu.

Dik l-istess Qorti imbghad kompliet:

L-Avukat Ġenerali bagħat ukoll l-artikolu 141. Skond l-istess sentenza ppreżentata mid-difiża:

'Mill-banda l-oħra r-raison d'etre tal-aggravju skond l-artikolu 141 tal-Kap 9 hija li l-kariga tal-individwu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku tkun timponilu d-dmir li jissorvelja biex ir-reat li jikkommetti hu nnifsu ma jsirx. (F'dak il-każ l-imputati kienu gwardjani tad-dwana u kuntistabbli u kellhom jissorveljaw biex ma jiġix kommess is-serq li wettqu huma). Huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza li l-artikolu 141 msemmi huwa applikabli għar-reati kollha 'barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali pubbliċi.'

Fil-każ odjern l-artikolu 127 jispeċifika x'inhuma l-pieni. Barra dan, waqt li l-appellat kellu f'idejh il-proviżżjonijiet iżda huwa ma kellux il-kariga li ma jħallix ir-reat isir. (Ara b'kuntrast il-fatti tal-każ ċitat).

Għalhekk il-Qorti mhix qed tara raġuni għala għandha tapplika l-gravanti tal-artikolu 141.[169]

---

[168] Deciza 24.01.2011 Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano; Appell Numru 172/2010
[169] Ibid.

Fid-dawl tal-gurisprudenza enuncjata u tan-**nuqqas ta' provi li l-imputat kien jew jista' jitqies bhala ufficjal jew impjegat pubbliku**, l-imputat qed jigi liberat mit-tielet u mir-raba imputazzjoni.

Ir-Raba  Imputazzjoni: Tibdil b'qerq f'atti magħmul minn uffiċjal pubbliku.

Ghall-istess raguni ma tistax tinstab htija fl-imputat fir-rigward tar-raba imputazzjoni, dik ravvizata bl-artikolu 180 tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali

Lanqas ma jsib applikazzjoni l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ccitat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

Konsiderazzjoni dwar il-Piena

In konsiderazzjoni tal-piena, il-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali netta tal-imputat, tal-kondotta kriminuza tieghu, li ma kienitx tikkonsisti f'xi kaz izolat izda rrikorriet fuq medda ta' zmien u ghalhekk indubbjament hu applikabbli l-aggravanti tar-reat kontinwat, tal-ammont sostanzjali approprijat indebitament li jlahhaq l-€53,017[170] u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, partikolarment kif dan ma ddejjaq xejn jittradixxi l-fiducja li biha gie fdat.

[170] Fol.513

Il-hames imputazzjoni serviet bhala mezz ai fini ghall-approprijazzjoni indebita, it-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 189, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni u tal-hames imputazzjoni, tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha, u tikkundannah ghal **4 snin prigunerija**.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **€4,242.13** rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas lura lil Agenzija Identity Malta s-somma ta' **€44,456.**[171]

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bħallikieku nghatat f'kawża ċivili bejn l-imputata u l-parte leza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[171] Bilanc tas-somma dovuta